18 ta' Marzu, 1950.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Edgar Soler ne. et.**

*versus*

**Onor. Beltram Camilleri, F.R.C.A., M.L.A., ne**

## Bejgħ — Prezz Ġust — Art. 1397 u 1408 (1) tal-Kodiċi Ċivili.

*Il-bejgħ mhux perfett jekk ma jsirx ftehim fuq il-prezz. U l-prezz għandu jkun ċert, għalkemm f'ċerti każijiet jista' jkun injorat mill-partijiet jew minn xi waħda minnhom fil-mument tal-kontrattazzjoni; iżda għandu jkun dejjem ċert, stabbilit u speċifikat*

*mill-partijiet. B'mod li min jallega li l-prezz ma ġiex aċċettat minnu, ma jistax isostni li kien hemm il-bejgħ.*

*Il-prezz ma jistax jitbiddel bir-rieda unilaterali ta' waħda mill-partijiet biss għax din tkun tippretendi li dak il-prezz ma hux ġust. Biex jitbiddel il-prezz tal-bejgħ jew il-kundizzjonijiet tal-ftehim, jeħtieġ li jkun hemm l-aċċettazzjoni taż-żewġ partijiet.*

*Lanqas jista' l-bejjiegħ, li jippretendi li l-prezz ma hux ġust, jitlob li l-Qorti tindaħal biex tiffissa hija l-prezz ġust. Il-Qorti tista' tindaħal biss, dejjem però meta l-prezz ikun ġie miftiehem, biex taħtar periti halli jistabbilixxu huma l-prezz, meta l-partijiet ikunu ħallewh fil-ġudizzju ta' perit jew periti mhux speċifikati, u mbagħad ma jiftehmux dwar in-nomina ta' dak il-perit jew ta' dawk il-periti, u, meta tqum kwistjoni, biex tiddeċiedi x'kien il-prezz miftiehem, jew biex tistabbilixxi, dejjem però skond il-ftehim tal-partijiet, per eżempju meta jsir ftehim li l-prezz għandu jkun dak tas-suq fi żmien determinat, u tqum kwistjoni x'kien dak il-prezz, biex allura tiddikjara x'kien dak il-prezz u kif għandu jiġi determinat; imma qatt ma tista' tistabbilixxi l-prezz indipendentement mill-ftehim tal-partijiet, jew għaliex ma kienx hemm prezz miftiehem.*

Il-Qorti. — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi l-prezz li l-konvenuti nomine ħallsu, u qegħdin iħallsu, għall-ħalib lilhom mibjugħ u konsenjat mill-atturi, mhux prezz korrispondenti għall-kost tal-produzzjoni, ċjoè mhux biss ma jħallix il-profitt xieraq, iżda lanqas ma jkopri l-ispejjeż tal-produzzjoni; u illi l-atturi, għalkemm il-prezz mogħti mill-Gvern mhux ġust, komplew ibiegħu l-ħalib lill-konvenuti, speċjalment għaliex skond il-liġijiet in vigore l-bejgħ tal-ħalib mhux pastorizzat huwa projbit fiż-zoni fejn jinżammu l-bhejjem li minnhom jinħaleb il-ħalib li jiġi mill-atturi konsenjat lill-konvenuti nomine, u lanqas ma jistgħu dawn il-bhejjem, u lanqas il-ħalib tagħhom, jiġu trasferiti minn zona għall-oħra skond il-liġijiet fuq imsemmija, u għalhekk, biex ma jintremiex dan il-ħalib, jiġi mibjugħ lill-konvenuti, sebbene b'perdita kbira; u illi l-atturi f'diversi okkażjonijiet, bil-fomm u bil-miktub, u anki b'atti ġudizzjarji, ipprotestaw kontra dana l-prezz hekk baxx u talbu li tiġi mill-Gvern nominata kummissjoni biex jiġi fissat il-prezz ġust tal-ħalib u l-bażi li fuqha għandu jiġi regolat il-prezz — liema

talba, għalkemm l-istess Prim Ministru sabba ragjonevoli u opportuna, ma ġietx sa issa milqegħa, u l-Kummissjoni ma ġietx nominata; u illi fit-30 ta' Settembru 1949 ġiet approvata mil-laqgħa ġenerali ta'-Kumpannija Maltija tal-Ħalib, li tagħha jiffurmaw parti l-atturi kollha, riżoluzzjoni; permezz ta' liema riżoluzzjoni l-membri kollha ddikjaraw illi l-prezz imħallas mil-Gvern ma setax jiġi aċċettat iżjed bħala prezz finali tal-ħalib, u għalhekk hadu riżoluzzjoni illi għandu jiġi kunsidrat bħala akkont tal-prezz li jkun stabbilit mill-Kummissjoni eliġenda, u dana mill-1 ta' Ottubru 1949 'il quddiem — b'liema riżoluzzjoni l-Gvern ġie notifikat, l-ewwel per mezz ta' ittra bonarja, u mbagħad per mezz ta' ittra uffiċjali tal-5 ta' Ottubru 1949 (dok. A u B); u dana kemm-il darba l-Gvern ma kienx jaċċetta l-proposta ta' l-atturi li jħallas, provviżorjament u sakemm ma tiġix nominata l-Kummissjoni, il-prezz ta' 5s. 6d. il-gallun; u illi bis-saħħa ta' l-ittra uffiċjali fuq imsemmija l-atturi avżaw lill-Gvern illi huma ma riedux jaċċettaw bħala prezz finali u għas-sodisfazzjon totali tal-ħalib mixtri minn għandhom il-prezz ta' 4s. fil-gallun imħallas mil-Gvern, iżda biss bħala akkont tal-prezz li jkun fissat bħala prezz ġust kif intqal fuq, u għalhekk irriżervaw id-dritt tagħhom li jeżiġu l-pagament ta' l-eventwali differenza bejn il-prezz imħallas u l-prezz li jkun fissat;

U illi l-konvenuti, bl-ittra uffiċjali tagħhom responsiva tat-13 ta' Ottubru 1949, ma riedux jaċċettaw ir-riżerva ta' l-atturi fuq imsemmija (dok. C); u illi l-atturi, fl-ittra uffiċjali tagħhom tat-18 ta' Ottubru 1949 (dok. D), u bil-protest tas-7 ta' Novembru 1949 (dok. E), reġgħu avżaw lill-konvenuti nomine illi, non ostanti kwalunkwe dikjarazzjoni diġà magħmula mill-konvenuti, u li eventwalment tkun minnhom magħmula fil-futur, l-atturi ma kienux fi ħsiebhom jaċċettaw il-prezz imħallas mill-Gvern ħlief bħala akkont ta' dak il-prezz li jkun fissat bħala prezz ġust mill-Kummissjoni fuq imsemmija jew minn dina l-Qorti, u għalhekk irriżervaw nwovament id-dritt li jeżerċitaw kwalunkwe azzjoni lilhom rikonoxxuta mil-liġi biex jiġi fissat il-prezz ġust li għalih huma għandhom dritt; u illi l-konvenuti nomine ma tawx każ ta' dawna l-protesti ta' l-atturi u ta' l-atti ġudizzjarji preżentati minnhom, u ħallsu b'cheque numru 260440 tas-27 ta' Ottubru 1949,

is-somma ta' £5829. 11. 1, fuq il-bażi ta' 4s. fil-gallun, u b'cheque iehor tal-14 ta' Novembru 1949 ħallsu s-somma ta' £6497. 19. 1, fuq il-bażi ta' 4s. 6d. il-gallun, għall-perijodi mill-1 ta' Ottubru għall-15 ta' Ottubru u mis-16 sal-31 ta' Ottubru rispettivament; ħenna sonnom l-atturi ma aċċettawx ħlief bħala akkont ta' prezz akbar li għadu mhux fissat, skond id-dikjarazzjoni minnhom magħmula per mezz ta' protest tas-7 ta' Novembru 1949 u per mezz ta' ittra mibgħuta fl-14 ta' Novembru 1949 (dok. F);

Talbu illi :— (1) Jiġi deċiż illi l-prezz imħallas mill-konvenuti nomine għall-ħalib lilhom mibjugħ u konsenjat mill-atturi mill-1 ta' Ottubru 1949, u li jkun mibjugħ mill-atturi lill-istess konvenuti sakemm ma jiġix fissat il-prezz ġust li għandu jitħallas għal kull gallun ħalib mibjugħ lill-konvenuti nomine, huwa, għar-raġunijiet fuq premessi, mhux għas-sodisfazzjon totali u bħala prezz finali, iżda bħala akkont tal-prezz li jkun fissat bħala prezz ġust; (2) jiġi fissat, jekk hemm bżonn per mezz ta' periti nominandi, il-prezz ġust li għandu jitħallas lill-atturi proprio et nomine mill-konvenuti, u tiġi stabbilita l-bażi li fuqha għandu jiġi kalkulat il-prezz tal-ħalib; (3) jiġu l-konvenuti nomine kundannati jħallsu lill-atturi nomine d-differenza li eventwalment tirriżulta bejn il-prezz imħallas mill-ewwel ta' Ottubru 1949 sal-ġurnata tad-deċiżjoni ta' dina l-Qorti, u l-prezz li, fissat bħala prezz ġust, l-atturi jkollhom dritt għalih għall-motivi premessi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk..............;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-fatti li taw lok għal dina l-kawża huma, fil-qosor, dawn :—

Għal ċertu żmien, u preċiżament mill-ewwel ta' Ottubru 1947 sad-29 ta' Frar 1948, kien hemm kuntratt bejn il-"Milk Marketing Undertaking" u l-"Kumpannija Maltija tal-Ħalib", li tagħha l-attur Edgar George Soler huwa d-direttur u l-atturi l-oħra membri, għall-bejgħ u fornitura ta' ħalib frisk tal-baqra mill-imsemmija kumpannija lill-"Milk Marketing Undertaking".............. Meta għadda ż-żmien ta' dak il-kuntratt, l-istess ma ġiex rinnovat, u lanqas sar kuntratt ieħor; u allura l-atturi kollha, barra mill-attur Edgar G. Soler,

bdew, u baqgħu, ifornixxu l-ħalib lill-''Milk Marketing Undertaking'', bħal raħħala l-oħra kollha li ma kienux jiffurmaw parti mill-Kumpannija fuq indikata, bil-prezz indikat fl-avviż li l-''Milk Marketing Undertaking'' perijodikament, kull meta kien jitbiddel il-prezz, kien jippublika per mezz ta' l-affissjoni ta' l-istess avviż fil-''Collecting Depot'', ħalli jinvita lil kull min irid biex imur jagħti l-ħalib lill-istess ''Milk Marketing Undertaking'' bil-prezz indikat f'dak l-istess avviż;

L-atturi kienu skuntenti bil-prezz li l-''Milk Marketing Undertaking'' kien qiegħed iħallas għall-ħalib, u fuq talba tal-Kumpannija tal-Ħalib fuq imsemmija saret laqgħa, li fiha kienu preżenti l-Prim Ministru u l-konvenut Onorevoli Beltram Camilleri, Ministru ta' l-Industrja u l-Kummerċ, l-attur Edgar G. Soler fil-kwalità tiegħu fuq indikata, il-Professur Giulio Cortis, konsulent legali tal-Kumpannija, u żewġ raħħala, li wieħed minnhom kien Giuseppe Vassallo. Il-Professur Cortis u l-attur Edgar G. Soler riedu li jiġi nominat ''Board'' biex perijodikament jiffissa l-prezz tal-ħalib. Il-konvenut Onorevoli Beltram Camilleri għamel oppożizzjoni; u ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni;

L-atturi, barra, naturalment, Edgar G. Soler, baqgħu jfornixxu l-ħalib skond l-avviż fuq imsemmi;

Fit-30 ta' Settembru 1949, l-atturi, produtturi tal-ħalib li jiffurmaw il-Kumpannija fuq indikata, u li, kif intqal, kienu qegħdin individwalment ifornixxu l-ħalib lill-''Milk Marketing Undertaking'', iltaqgħu f'laqgħa ġenerali fis-sedi ta' l-organizzazzjoni tagħhom, ipprotestaw kontra d-deċiżjoni tal-Gvern li l-prezz tal-ħalib ma jiġix mibdul, fakkru illi l-organizzazzjoni tagħhom kienet ilha titlob lill-Gvern matul kważi sentejn biex il-kwistjoni tal-ħalib tispiċċa b'wiċċ il-ġid għal kulħadd, u li dik l-organizzazzjoni dejjem talbet sabiex jitwaqqaf ''Board'' speċjali ta' l-Arbitraġġ ħalli tiġi stabbilita l-bażi li fuqha għandu jsir il-ħlas tal-ħalib lill-produtturi............ u rriżolvew illi mill-ewwel ta' Ottubru 1949, ma jaċċettawx bħala ħlas finali il-prezz fissat mill-Gvern kemm-il darba dan ikun anqas minn 5s. 6d. il-gallun.............. ;

Bl-ittra uffiċjali tal-5 ta' Ottubru 1949, diretta lill-konvenuti nomine, l-atturi nfurmaw lill-istess konvenuti nomine bl-istess riżoluzzjoni, u annettew kopja tagħha............

Il-konvenuti nomine rrispondew bl-ittra uffiċjali tat-13 ta' Ottubru 1949, fejn, fost ħwejjeġ oħra, qalulhom illi l-prezz tal-ħalib li kienu qegħdin iħallsu kien għas-sodisfazzjon totali tal-bejgħ ta' ħalib illi l-atturi kollha, barra mill-attur Soler, kienu qegħdin jagħmlu lill-istess konvenuti nomine;

*Omissis;*

L-atturi allura spiċċaw bil-protest tad-9 ta' Novembru 1949, fejn, fost ħwejjeġ oħra, qalu illi huma qatt ma aċċettaw, iżda dejjem subew, il-prezz fissat mill-konvenuti nomine, għaliex il-prezz kien baxx wisq; illi meta ffirmaw il-kuntratt għamluh biss minħabba l-liġijiet magħmula mill-istess konvenuti nomine, ċjoè mill-Awtorità, li jipprojbixxu l-bejgħ tal-ħalib mhux pastorizzat f'ċerti zoni tal-pajjiż, u kwindi obligawhom li jbigħu u jikkonsenjaw il-ħalib lill-konvenuti nomine, jew inkella jarmuh jew jiddistruġġu l-bhejjem; illi kieku ma kienx dan, huma ma kienux jaċċettaw li jiffirmaw dak il-kuntratt, minħabba l-viltà tal-prezz; u l-atturi reġgħu avżaw lill-konvenuti nomine illi ma humiex bi ħsiebhom jaċċettaw bħala prezz definitiv il-prezz kapriċċjożament fissat mill-istess konvenuti nomine, iżda bħala definitiv huma jaċċettaw biss il-prezz li jkun miftiehem minnhom u mill-konvenuti nomine liberament u mingħajr ebda impożizzjoni, jew li jiġi fissat bħala prezz ġust minn "Board" nominat mill-Gvern, kompost minn membri liberament aċċettati miż-żewġ partijiet, jew inkella fissat bħala prezz ġust mill-Awtorità Ġudizzjarja; u ddikjaraw li ma jaċċettawx bħala prezz definitiv, iżda bħala akkont ta' somma akbar, il-ħlas ta' £5829. 11. 1......... u interpellaw lill-istess konvenuti nomine jiddikjaraw, fi żmien tmint ijiem, li jaċċettaw il-proposta ġà lilhom notifikata, li l-prezz jiġi provviżorjament fissat għal 5s. 6d. il-gallun........... jew li jinnominaw Board biex jiffissa l-prezz ġust li għandu jitħallas; u avżawhom li f'każ kuntrarju huma jipproċedu legalment...........—dak li l-atturi għamlu b'din il-kawża...........;

Tippremetti qabel ma tidħol fil-meritu;

*Omissis;*

Tippremetti wkoll;

Illi skond ir-Regolamenti ta' l-1949 għalbiex jinżammu l-Provvisti ta' l-Oġġetti Essenzjali, li ġew pubblikati fit-28 ta' Jannar 1949 (Gazzetta tal-Gvern numru 9766 tat-28 ta' Jannar 1949), jekk xi ħadd li soltu għandu x'jaqsam fil-provvista jew tqassim ta' oġġetti essenzjali, sew għal rasu kemm flimkien ma' nies oħra, jagħmel xi ħaġa, jew jonqos li jagħmel xi ħaġa, bil-ħsieb, jew ikollu għalfejn jaħseb, illi dak l-għemil jew nuqqas aktarx iċaħħad lill-komunità, jew sehem minnha, mill-provvista, jew mill-provvista regolari, ta' dak l-oġġett essenzjali, ikun ħati ta' ħtija kontra dawk ir-Regolamenti. U skond l-Ordni magħmul mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur fit-18 ta Frar 1949 (Ordni numru 93, Gazzetta tal-Gvern numru 9772) il-ħalib huwa, fost ħwejjeġ oħra, oġġett essenzjali li għalih jgħoddu r-Regolamenti ċitati. L-atturi, għaldaqstant, jgħidu illi huma kienu kostretti jfornixxu l-ħalib in kwistjoni lill-"Milk Marketing Undertaking", u kwindi jissottomettu illi l-fatt li kienu offrew dak il-ħalib ma jfisserx illi huma fornewh għaliex aċċettaw il-prezz indikat fl-avviż — prezz illi huma, anzi, kif jgħidu, qatt ma aċċettaw;

**Tikkunsidra;**

Illi din il-pretensjoni ta' l-atturi, li huma qatt ma aċċettaw il-prezz, fil-każ li tkun tista' tiġi aċċettata, iġġib bħala konsegwenza illi ma kienx hemm bejgħ; il-għaliex ma hemmx bejgħ mingħajr prezz; u l-prezz għandu wkoll ikun ċert, għalkemm f'ċerti każijiet jista' jkun injorat mill-partijiet, jew minn xi waħda minnhom, fil-mument tal-kontrattazzjoni; iżda għandu jkun dejjem ċert, stabbilit u speċifikat mill-partijiet (art. 1403 (1) Kodiċi Ċivili). Il-bejgħ mhux perfett jekk ma jsirx il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz (art. 1397);

Illi *però*, dina l-kwistjoni ma tistax tiġi diskussa f'din il-kawża, għaliex *teżorbita* mill-limiti tad-domandi, u li anzi jippresupponu u jsostnu l-bejgħ; u inveru, l-ewwel talba għandha b'oġġett tagħha d-deċiżjoni li l-prezz imħallas għall-ħalib mibjugħ u konsenjat mhux għas-soddisfazzjon totali u bħala prezz finali; it-tieni talba għandha bħala oġġett tagħha d-determinazzjoni tal-prezz ġust tal-bejgħ; u t-tielet talba l-kundanna tal-konvenuti nomine għall-ħlas tad-differenza bejn il-prezz ġà mħallas u l-prezz ġust li jiġi *fissat*;

**Tikkunsidra fil-meritu;**

Illi mill-espożizzjoni tal-fatti li taw lok għall-kawża jirriżulta li l-atturi, li kienu qegħdin iforníxxu l-ħalib lill-"Milk Marketing *Undertaking" skond l-offerta magħmula bl-avviż* fuq imsemmi, fejn kien hemm indikat il-prezz offert, jippretendu illi kellhom id-dritt illi meta jidhrilhom jirriżolvu illi jkomplu jifornixxu l-ħalib, iżda jikkunsidraw il-prezz ta' l-avviż bħala sempliċi bħas akkont tal-prezz, u jeżigu, fil-każ li l-Gvern ma jogħġbodx għar-riżoluzzjoni tagħhom u jħallashom kemm jippretendu, li almenu jinnomina l-Board li riedu, u kif riduh kostitwit, biex jiffissa l-prezz ġust, u li, fil-każ li l-Gvern ma jagħmelx hekk, li għandhom id-dritt jadixxu lil din il-Qorti *biex tiffissa hija dak il-prezz ġust;*

Illi, kif sewwa ssottomettew il-konvenuti nomine, l-atturi ifornew u biegħu l-ħalib wara li kienu ġew infurmati bil-prezz illi l-"Milk Marketing Undertaking" kien sejjer iħallas, u riżoluzzjonijiet unilaterali da parti tagħhom ma jistgħux ikollhom l-effett li jbiddlu l-prezz. Il-prezz aktar għoli eżatt mill-atturi, u l-kondizzjonijiet minnhom magħmulin, u d-deċiżjonijiet minnhom meħuda fl-imsemmija riżoluzzjoni u protest tagħhom, ma ġewx aċċettati mill-Gvern; u dana kwindi mhux marbut bihom, *il-għaliex, lanqas ma hemm bżonn li wieħed jżid*du, prezz ġdid u kondizzjonijiet ġodda għandhom jiġu stabbiliti bi ftehim, u ċertament ma jistax ikun hemm ftehim meta waħda mill-partijiet ma taċċettahomx;

Illi lanqas ma tista' tindaħal il-Qorti biex tiffissa hija prezz ġust, fil-każ li dak miftiehem mhux ġust; għaliex il-Qorti ma tistax tbiddel il-prezz miftiehem mill-partijiet u minnhom stabbilit u speċifikat; u jekk l-atturi jippretendu illi ma kienx hemm prezz miftiehem, għaliex qatt ma aċċettaw dak ta' l-avviż, *allura għandu jiġi hawn ripetut dak li ġà ntqal, jiġifieri li* allura ma kienx hemm bejgħ — kwistjoni li ma hix qiegħda quddiem il-Qorti — imma qatt ma jistgħu jkollhom id-dritt li jitolbu li dak il-prezz jiġi fissat mill-Qorti, il-għaliex il-prezz għandu jiġi miftiehem mill-partijiet. Il-Qorti tista' tiġi adita—dejjem meta l-prezz ikun ġie miftiehem—biex taħtar il-perit jew periti ħalli jistabbilixxu huma l-prezz, meta l-partijiet ikunu ħallewh fil-ġudizzju ta' perit jew periti mhux speċifikati, u mbagħad ma jiftehmux dwar in-nomina ta' dak il-perit jew ta' *dawk il-periti, u, meta tqum kwistjoni, biex tiddeċidi x'kien* il-

ftehim jew x'kien il-prezz miftiehem, jew biex tistabbilixxi, dejjem però *skond il-ftehim tal-partijiet. Kif, per eżempju,* meta jsir ftehim li l-prezz ikun dak tas-suq li żmien determinat u tqum kwistjoni x'kien dak il-prezz tas-suq, allura l-Qorti adita tiddikjara x'kien dak il-prezz u kif għandu jiġi determinat; imma qatt ma tista' tistabbilixxi prezz indipendentement mill-ftehim tal-partijiet, jew għaliex ma kienx hemm prezz miftiehem;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

*Omissis;*

Tirrespinġi t-talbiet ta' l-attturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

---